# ABBOZZ FINALI

STQARRIJA GHALL-MEDIA KOLLHA

Saret laqgha bejn rapprezentanti tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b’Dizabilità (KNPD) u rapprezentanti tal-Malta Union of Teachers (MUT) li saret nhar il-Gimgha, 21 ta’ Dicembru, 2001 fl-ufficini tal-KNPD fejn giet diskussa primarjament l-edukazzjoni inklussiva ta’ studenti b’dizabilità. Ir-rapprezentanti fehmu l-pozizzjoni ta’ xulxin.

Iz-zewg partijiet innutaw b’sodisfazzjon li hemm numru sostanzjali ta’ tfal b’dizabilita’ li qed jigu mainstreamed, b’beneficcju ghalihom u ghat-tfal l-ohra. Il-bicca l-kbira ta’ l-iskejjel regolari m’ghandhomx bizzejjed support u rizorsi biex ikunu jistghu jilqghu l-bzonnijiet ta’ studenti b’dizabilitajiet severi hafna.

Kien hemm qbil miz-zewg nahat li:

- hemm bzonn li jsir ezercizzju biex il-*facilitators* ezistenti jigu re-allokati b’tali mod li ma jkunx hemm duplikazzjoni ta’ xoghol;
- ghandha ssir distinzjoni cara bejn kategoriji ta’ haddiem li jghinu t-tfal fil-bzonnijiet personali taghhom biss u dawk li jghinu t-tfal biex jitghallmu;
- ghandha tinghata konsiderazzjoni shiha tal-bzonnijiet tat-tfal fl-allokazzjoni tal-*facilitators*, specjalment fejn ma’ jkunx hemm bzonn ta’ *facilitators* il-hin kollu;
- tinhass il-htiega li ssir revizjoni tal-*job description* tal-facilitators u tal-Kindergarten Assistants li jiehdu hsieb tfal b’dizabilità u tfal bi bzonnijiet edukattivi specjali;
- hemm bzonn urgenti li jinhatru *Special Educational Needs Co-ordinators* (*SENCO*s) sabiex l-edukazzjoni inklussiva tkun tista ssir b’aktar hsieb u koordinament mill-partijiet kollha koncernati;
- hemm bzonn urgenti li l-iskejjel regolari ikollhom is-servizz ta’ aktar professjonisti (e.g., *Speech Therapists*, Fizjioterapisti, Nersis, *Social Workers*, ecc);

- id-decizjoni dwar l-edukazzjoni inklussiva ghandha tittiehed wara process professjonali mill-I*Statementing Moderating Panel* u, jekk mehtieg, l-Appeals Board.

Din il-laqgha serviet bhala opportunita' biex iz-zewg nahat jiccaraw il-posizzjoni taghhom rigward l-edukazzjoni inklussiva. Kemm il-KNPD, kif ukoll l-MUT qablu li se jibqghu jahdmu flimkien biex l-edukazzjoni inklussiva tkompli tissahhah u dan ghal gid tat-tfal kollha, inkluz tfal b'dizabilita'.

---